# IL-PRESEPJU

Ħarġa 85 - Awwiss 2015



*Fuljett maħruġ mill-*
*Għaqda Ħbieb tal-Presepju Malta*

c/o Amaltea, 56, Triq il-Marg, Attard ATD 2382 - Malta

GHAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU
Malta
1986

Newspaper Post

Fuljett maħruġ kull tliet xhur
mill-Għaqda
Ħbieb Tal-Presepju,
Malta.

VO/0844

*Kull korrispondenza
għandha tiġi indirizzata*
lis-Segretarju,
is-Sur Charles A. Bellia
'Amaltea'
56, Triq il-Marġ,
Attard ATD 2382,
Malta

**IL-PRESEPJU**
jitqassam lill-membri
tal-Għaqda u għalhekk
biex tirċevih ħallas
il-miżata ta' €5 kull sena
lill-kaxxier.
Kontribuzzjonijiet oħra
tagħkom ħalli jinfdew
il-ħlasijiet ta'
l-istampar huma ferm
apprezzati.

Apprezzament speċjali jmur
għas-Sinjura Jessie Chircop
li ħadet ħsieb
il-'proof-reading'

# Werrej

L-Editorjal .................................................................. 3

Kelmtejn mill-President ............................................ 4

Milied Fis-Sajf ........................................................... 5

Paġna Għat-Tfal ......................................................... 7

It-Tħejjijiet għall-Priedka
tal-Milied Bdew.................................................... 8

Milied f'għoli ta'432km
'il fuq mid-Dinja .................................................. 9

Wirja fis-Sala San Franġisk....................................... 10

Applikazzjoni ........................................................... 11

Id-Djarju tal-Milied 2015.......................................... 12

Mill-Memorji ta' Tfuliti ............................................ 13

Ġurnata Għawdex ..................................................... 15

Table Show u Mercatino ........................................... 15

**Stampat:** BEST Print CO. LTD
Żurrieq Road, Qrendi.
Tel: 2168 0789, 2164 9012
bestprint@maltanet.net

**Setting:**
**Aldo Busuttil**

**L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Malta, tixtieq tirringrazzja lil kull min kiteb f'din il-ħarġa tal-fuljett.**

# L-Editorjal

Jekk fid-dinja taħseb li kollox ward u żahar tkun żbaljat bil-kbir. Il-bniedem dejjem jaħseb li la kollox miexi bla ntoppi jkun qiegħed fil-ġenna tal-art. Hekk jaħseb il-bniedem li ma jkunx għadu fehem id-dinja x'taf toffri. La ġejna mwielda, bil-fors ikollna nimxu l-mixja tagħna sakemm il-Mulej isejħilna.

Nhar il-11 ta' Ġunju ta' din is-sena, nħsadna bl-aħbar li Tessie, l-mara ta' Victor Darmanin, marret tiltaqa' mal-Mulej wara marda qasira u kiefra. Tbikkimna!. Ma ridniex nemmnu. F'Novembru tas-sena l-oħra konna flimkien fil-mawra li għamilna fi Sqallija fejn l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Malta esebiet wirja ta' Presepji. Kienet fuq tagħha u ma kien jidher xejn ħażin fiha. Imma d-destin hekk ried. Tessie marret issa tiltaqa' ma' dak il-Bambin li tant kienet tieħu gost tpoġġi fil-grotta tal-presepju. Issa qed tarah wiċċ imbwiċċ. Min jaf jekk hux l-istess bħal ma kienet timmaġinaH hawn isfel. Min jaf...?

Grazzi Tessie tal-għajnuna li dejjem tajt lill-Għaqda. Tal-ħeġġa kbira li kellek lejn il-ġid tal-membri kemm tal-Għaqda kif ukoll tal-għajnuna kbira li tajt fil-parroċċa tal-Kalkara. Grazzi. Tlifniek!!

Kos meta nisma' u nagħrbel kif il-ħajja taf tagħġen il-bniedem tfakkarni fil-mixja ta' Marija Omm Ġesù. L-anġlu ħabbrilha li kellha ssir Omm Alla. Tħawdet u tfixklet. Ma kinitx taf x'ser tagħmel....taċċetax jew le. L-anġlu ħabbrilha li l-Ispirtu Santu kien ser jinżel fuqha u jkun magħha tul il-mixja fuq din l-art. Ma fehmitx. Staqsiet l-anġlu Gabriel kif qatt jista' jkun dan la hi ma tagħraf l-ebda raġel. U reġa' l-anġlu qallha li dak li ser ikun imnissel fil-ġuf tagħha kien frott l-Ispirtu Santu. Għalkemm konfuża, aċċettat. Minn hemm bdiet il-missjoni ta' Omm li daqet il-ferħ u l-imrar li taf tisqi l-ħajja ta' kuljum. Dejjem sabet il-qawwa taI-Ispirtu s-Santu warajha. L-għarus tagħha San Ġużepp, ukoll tħawwad u tfixkel bl-aħbar tat-tqala tal-għarusa tiegħu. Kif... l-aktar mara li qatt ħabb ittradietu? Ma jistax ikun u dam itella' u jniżżel jekk jitlaqhiex u jħarrabha biex la hu u l-anqas l-għarusa ma jiġu fi lsien in-nies. Iżda kif nafu sew dan ma seħħx għax mhux talli ma warrabhiex, iżda ħadha għandu u bis-saħħa tal-Ispirtu s-Santu, li qatt ma telaqhom, mexa t-triq kollha magħha, u wara li welldet, ma' binha Ġesù!

Il-bniedem dejjem jaħseb li waħdu jista' jegħleb il-gwaj li jiġi għal ma' wiċċu. Naħsbu li aħna b'saħħitna biżejjed li kapaċi niġġildulhom. Hekk aħna magħmulin. Kieku tajjeb li nkunu nies ta' fibra u determinazzjoni. Weħidna ma aħna xejn. Il-ġrajja tat-twelid tal-Bambin hija mibnija fuq il-qawwa tal-Ispirtu Santu. Sa minn dejjem kien preżenti fil-ħajja ta' kull bniedem. Tajjeb li nerġgħu nroddu lura il-post li jixraqlu anke fil-presepju fqajjar li aħna nibnu fid-djar tagħna. Tajjeb li ma nħalluhx barra mill-kollezzjoni ta' pasturi li jkollna jsebbħu l-presepju. Tajjeb li nerġgħu nibdew nagħtu l-importanza lill-Ispirtu s-Santu b'forma ta' ħamiema mdendlel f'nofs il-grotta. Fuq kollox bis-saħħa Tiegħu Marija saret Omm Alla. Ejjew, ħbieb, nerġgħu nroddu lura l-qima li jistħoqqlu lejn l-Ispirtu Santu.

**Frans Chircop**
**Editur**

# *Kelmtejn mill-President*



**Andrew Spiteri**
**President**

Hbieb,

Wasalna fit-tielet kwart tas-sena, is-sajf daħal b'saħħtu u ftit ħallielna kuraġġ niċċaqilqu. Minkejja din il-ħidma fi ħdan l-Għaqda  irrankat mhux ħażin. Bħas-soltu meta wasal Mejju, bdejna b'sensiela ta' lectures fejn kellna kelliema nteressanti ħafna fuq l-arti u l-kultura marbuta mal-presepju. Hawn nixtieq nirringrazzja lis-Sinjuri Alfred Camilleri Cauchi, Victor Aguis u Pawlu Muscat għax-xogħol li ħadu biex ippreparaw it-taħdidiet tagħhom. Il-membri, li attendew f'numru sabiħ għal dawn il-lectures segwew b'attenzjoni dak kollu li ntqal u sar.  Dan juri li l-membri tagħna apprezzaw dawn il-laqgħat u jagħmlulna kuraġġ għal futur.

Sadanittant membri tal-Kumitat imbarkaw fuq xogħol  biex is-sala l-kbira u l-kmamar l-oħra jingħataw dehra iktar professjonali u pjaċevoli għall-wirja annwali ta' din is-sena. Qed isir xogħol ta' elettriku kif ukoll xogħol marbut mad-dehra ġenerali tal-post, anke jekk l-umdita qed tkun ta' ostaklu kontinwu. Hemm ħafna xogħol xi jsir biex jitwettaq dan il-proġett, għalhekk nixtieq nieħu din l-opportunita u nappella lill-membri tagħna biex min ikollu xi ftit ħin liberu jiġi jgħati daqqa t'id. Aħna qegħdin niltaqgħu kull nhar ta' Tlieta fl-4.30pm fis-sala San Frangisk. Xi tazza kafé nagħmlulkom ukoll.

Grazzi ħafna u nselli għalikom u għall-familji tagħkom.



# Milied fis-Sajf

**Marianne Tabone**

Karen u Charles kienu ġenituri ta' tifla ta' ħames snin jisimha Mariah. Kienet il-mimmi t'għajnejhom. Kienet waslet wara għaxar snin ta' ħajja miżżewġa. Kienu ilhom li qatgħu qalbhom li jkollhom it-tfal. Imma darba waqt viżta għand it-tabib tagħha Karen kellha sorpriża kbira. It-tabib qalilha li kienet ħarġet tqila. Kemm kemm felħet tasal id-dar biex tgħid lil Charles. It-tnejn ħassewhom li kienu rċevew rigal kbir minn għand il-Mulej. It-twelid kellu jseħħ għall-ħabta tal-Milied.

Iż-żmien ta' stennija fl-aħħar għadda. Karen spiss kienet iġġib quddiem għajnejha lill-Madonna tistenna t-twelid ta' binha Ġesù. Dik is-sena l-Milied kien aktar reali mis-soltu. It-tabib ma kienx mar żmerċ. Mariah rat id-dawl tad-dinja għall-ewwel darba jumejn qabel il-Milied. Malli saru jafu li kien se jkollhom tifla mill-ewwel iddeċidew li jsemmuha Mariah.

Bl-istint ta' omm Karen ma damitx ma ndunat li kien hemm problema fis-saħħa ta' Mariah. Karen waħħlet f'moħħha li Mariah ma kinetx tajba għal kollox. Barra minn hekk għalkemm twieldet wara disa' xhur kienet iċken milli suppost. It-tabib qalilhom li t-tarbija kienet xi ftit ċkejkna. Kellu suspett li kellha Down Syndrome. Kienet se tibqa' l-isptar għall-osservazzjoni għal ftit ġimgħat.

Il-ftit ġimgħat karkru xahrejn. Darba t-tabib bagħat għal Karen u Charles u tahom aħbar xejn sabiħa. In-nuqqas ta' żvilupp fit-tifla ma kienx biss fid-daqs ta' ġisimha imma anke fl-organi tagħha. Minn testijiet li kienu sarulha kien deher li qalbha ma kienetx taħdem sewwa. Barra minn hekk dak li kien issuspetta t-tabib kien veru. It-tifla kellha l-kundizzjoni msejħa Down Syndrome.

Kien se jibgħatha d-dar imma kellhom jibqgħu joħduha l-isptar regolarment. B'qalbhom tqila bin-niket iż-żewġ żgħażagħ ħarġu biha. Il-kamra tan-nursery fid-dar kienet ilha lesta. Għalkemm Mariah ma kinitx perfetta kif kienu xtaqu, xorta ddeċidew li jilqgħuha b'party. Stiednu lil tal-familja u xi ħbieb tal-qalb u għamlu festa. Il-mistednin ammiraw il-kuraġġ tagħhom imma tgħallmu mill-ewwel li Mariah kienet tarbija bħall-oħrajn u ma kellhomx joqgħodu jitħassruha.

Iż-żmien għadda u Karen u Charles baqgħu jieħdu liċ-ċkejkna l-isptar regolarment. Imma ma nħolqux problemi ġodda. Il-ġenituri kienu jirringrazzjaw 'l Alla ta' kull ġurnata li kienet tgħaddi. Meta għalqet tliet snin bdiet tmur l-iskola. Kienet fl-istess klassi tat-tfal tamparha għax il-policy tal-iskola kienet li jintegraw tfal b'ħiliet differenti fl-istess klassi tat-tfal l-oħra. Sewwa l-għalliema u sewwa t-tfal aċċettawha bħalha waħda minn sħabhom. Qatt ma kienu jħalluha weħidha. Fil-break kienu jilagħbu magħha. Kienet ferħana u kienet tmur l-iskola bil-qalb.

Meta Mariah għalqet erba' snin Karen ħaditilha cake sabiħ fil-klassi. Għajnejn it-tifla xegħlu meta rat lil ommha dieħla bil-cake. Bl-għajnuna tal-akbar ħabiba tagħha tfiet ix-xemgħat ta' fuqu. Peress li kien dalwaqt wasal il-Milied il-cake serva ta' parti mill-festa.

Il-ħajja baqgħet sejra hekk sakemm darba fost l-oħrajn Mariah ħassha ħażin waqt li kienet qegħda tilgħab ħdejn ommha. Karen indunat mill-ewwel u ċemplet lit-tabib. Dan eżaminaha ħafif u qalilha biex toħodha l-isptar. L-ispeċjalista li raha qal lil Karen li l-ħajja ta' Mariah

kienet qegħda toqrob lejn it-tmiem. Karen u Charles ftehmu li joħduha d-dar fl-ambjent li kienet taf la ma kien hemm xejn li jista' jsir biex tfiq. Qalbha, li kienet difettuża, ma felħitx aktar.

Poġġew is-sodda tat-tifla fil-kamra tagħhom biex tkun taħt għajnejhom anke bil-lejl u hekk għaddew ġimagħtejn. Karen daħħlet f'moħħha li Mariah kellha tgawdi l-aħħar Milied. Armat il-Presepju fil-kamra fejn setgħet tarah iċ-ċkejkna. U kif kienu jagħmlu fi żmien il-Milied kienu jgħidu talba quddiemu. Mariah ma kinitx taf titkellem imma kienet tħares lejn xufftejn ommha u ċċaqlaq ħalqha qisha biex tgħid bħalha. U hekk għamlet issa. Il-fatt li kien Awwissu ma kienx jimporta għat-tifla. Dak il-Bambin tal-Presepju xorta kienet tħobbu u Hu kien iħobbha wkoll. Sikwit kienet titfagħlu bews b'dik l-id ċkejkna tagħha. It-tfal li ġew jarawha fehmu li aktar mill-fatt li l-Milied jiġi f'Diċembru hu mportanti li Mariah tħoss lill-Bambin magħha.

Tliet ġimgħat wara deher ċar li t-tifla kienet waslet fl-aħħar. It-tabib ġie bħas-soltu u kkonferma dak li kienu qegħdin jaħsbu. Karen mexxiet is-sodda tagħha eqreb lejn il-Presepju u bdiet tkellem lill-Bambin f'isem iċ-ċkejkna. Dak il-ħin Mariah fetħet għajnejha, ħarset lejn il-Presepju u mbagħad lejn ommha u missierha u ħadet l-aħħar nifs. Marret tingħaqad mal-Bambin li bl-innoċenza tagħha kienet tant tħobb.

It-tabib stqarr magħhom li Mariah kienet kampat daqshekk fit-tul sforz il-kura tagħhom u anke bis-saħħa tal-kumpanija tal-Bambin li kienet iżżomm ħdejha. Fil-funeral tat-tifla armaw presepju ċkejken fuq l-aħħar tarġa tal-artal. Kien l-aħħar tislima lil dik it-tifla li twieldet fi żmien il-Milied, li kienet tant tħobb dik il-festa u li kienet tant issib wens mal-Bambin tal-Presepju.

Fid-dar il-Presepju qatt ma ħalla postu minn fejn kienet ħallietu Mariah. Il-Milied li kien ġie fis-Sajf dik is-sena minn hemm 'il quddiem baqa' preżenti matul is-sena kollha.

# Għanijiet

## tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju

**huma:**

*• Li l-presepju jkompli jinbena fil-familji Maltin fil-Milied*

*• Li tkabbar aktar sens ta' ħbiberija fost id-dilettanti tal-presepju*

*• Li tappoġġja x-xogħol tal-artisti u tal-kittieba fejn jidħol artiġġjanar u letteratura konnessi mal-presepju*

*• Li torganizza korsijiet u lectures konnessi mal-bini tal-presepju*

*• Li twaqqaf wirja permanenti tal-presepju*

*• Li toħloq relazzjonijiet kemm fuq bażi nazzjonali u internazzjonali ma' entitajiet simili. Dawn ir-relazzjonijiet iservu għal bdil ta' aħbarijiet kif ukoll għal pubblikazzjonijiet dwar xogħlijiet tal-presepju.*

# Paġna għat-Tfal

Marianne Tabone

## Kantanta Ċkejkna

Christiana kellha vuċi sabiħa ħafna. L-ewwel ma ndunat biha kienet l-għalliema tat-tieni sena tal-Primarja. Darba qrib il-Milied xtaqet tqabbad tifla biex tkanta solo innu tal-Milied u jakkumpanjawha l-kor tal-klassi. Bdiet tipprova t-tfal waħda waħda imma bdiet taqta' qalbha għax min beda jistona minn hawn u min beda jitfixkel minn hemm.

Imbagħad waslet Christiana. Kienet tifla b'wiċċ ma tpinġiehx. Imma peress li waqt il-lezzjonijiet kienet kwieta ħafna, l-għalliema qabbditha tkanta imma bil-kemm ma aljenatx ruħha. Imma malli l-leħen anġeliku tat-tifla beda jinstema' l-għalliema ħarset mistagħġba lejha. Ma kellha ebda dubju. Christiana kellha tkun dik li tkanta weħidha u l-kor ikompli magħha. Qatt ma basret li dik it-tifla daqsekk kwieta kellha vuċi daqshekk sabiħa. Minn dik is-sena 'l quddiem it-talent tat-tifla kiber magħha u kull sena l-għalliema kienu jqabbduha tieħu sehem f'kull attivita tal-iskola. F'Jum il-Premjazzjoni, fil-Concert ta' Jum l-Omm u anke fil-Milied.

Darba ġrat diżgrazzja. Ommha kienet qegħda ssajjar u b'aljenazzjoni laqtet it-taġen li kien fih laħam jinqela. B'xorti ħażina dak iż-żejt jikwi ġie fuq wiċċ Christiana. Malajr malajr ommha ħaditha l-isptar. Is-sinjal tal-ħruq baqa' fuq dak il-wiċċ sabiħ tat-tifla. Kien se jkollha bżonn tagħmel operazzjonijiet kull tant żmien biex il-ġilda maħruqa tinbidel b'ġilda ġdida minn partijiet differenti ta' ġisimha. Naħa waħda ta' wiċċha baqa' sabiħ imma n-naħa l-oħra sofra sfreġju kbir. Bil-mod il-mod bl-inkuraraġġiment tal-għalliema reġgħet bdiet tkanta. Għall-ewwel fil-klassi quddiem sħabha biss. Il-kunfidenza bdiet tiżdied u għalkemm wiċċha kien imħassar imma bdiet trabbi l-kuraġġ.

Kien qed joqrob il-Milied u bħal ma kienet tagħmel kull sena, l-għalliema bdiet tarma l-Presepju. Kienu jitolbu flimkien quddiem il-Bambin ċkejken billi jinġabru flimkien. Darba xi ħadd tefa ġebla minn barra t-triq u ġiet fuq il-Bambin tal-Maxtura. Laqtet eżatt wiċċu u naħa minnhom inkiser.

It-tfal riedu jġibu ieħor ġdid. Imma l-għalliema kellha ħsieb ieħor. Dak il-Bambin kien tista' tgħid kopja ta' wiċċ Christiana. Il-ġebla laqtet il-wiċċ tal-Bambin fuq in-naħa tax-xellug kif kien ġralha Christiana. L-għalliema ħadet iċ-ċans u qalet lit-tfal li avolja wiċċ il-Bambin ma kienx bħal qabel, imma kien baqa' l-istess Bambin. Mhux il-perfezzjoni l-aktar importanti.

Christiana fehmet u aċċettat li tieħu sehem fil-'concert' tal-Milied. Dak il-leħen ta' anġlu dewa mas-sala. Kulħadd ammira l-kuraġġ tagħha. Kien hemm anke ġenituri mistiedna. Ħafna kienu dawk li għajnejhom bdew idemmgħu. It-tfal tal-klassi tagħha ħassewhom kburin li kellhom dik it-tifla magħhom.

Il-qofol tal-okkażjoni ntlaħaq meta armaw Presepju ħaj bit-tfal minn kull klassi. Dik li għamlet il-parti tal-Madonna żammet Bambin f'idha. San Ġużepp kien ħdejha jħares lejn it-Tarbija Divina. Meta dak it-tableau kien lest, Christiana ħarġet minn wara l-kwinti u bdiet tkanta l-innu 'Ninni La Tibkix Iżjed' ħdejn il-familja qaddisa. Qlub l-udjenza, tfal u kbar, intlew bl-emozzjoni. Dak il-presepju magħmul minn tfal ċkejknin ġab il-lejl fl-għar ta' Betlehem preżenti f'dik is-sala.

# It-tħejjijiet għall-priedka tal-Milied bdew......

**Frans Chircop**

Bħalissa l-jiem tal-festi tal-Milied għadhom naqra ‘l bogħod biex nibdew inħossu l-ferħ tagħhom. Pero’ meta jasal Novembru u l-bidu ta’ Diċembru nibdew naraw vetrini mimlija b’mitt ġid, b’tant u tant affarijiet li llum nassoċjaw ma’ dawn il-festi tant għeżież tat-twelid tal-Bambin. Tibda tara xinxilli jleqqu, bozoz iteptpu u juruk li kull kulur huwa mportanti biex ixerred il-ferħ tal-Milied. Xi ngħidu għall- ħlewwiet?! Qsim il-qlub bir-riħa tfuħ tagħhom u tentazzjoni għal min huwa bid-dieta. Pasturi u presepji flimkien mas-siġra tal-Milied, jibdew jidhru kull fejn tħares. Imma għall-Maltin li jiffrenkwentaw il-quddiesa ta’ nofs il-lejl jafu li l-qofol ta’ dik il-funzjoni tkun il-priedka tal-Milied minsuġa min tifel żgħir u llum il-ġurnata minn bniet ukoll. Dawn aktarx li jkunu taħt l-għaxar snin. Fost id-drawwiet kollha tal-Milied forsi din hi l-aktar waħda li nistgħu ngħidu li ħloqna aħna, ċioe’ missirijietna. U min aħjar minn tifel innoċenti jista’ jwassal il-messaġġ ta’ Ġesù Bambin?

Bħal issa tibda tfittxija għat-tifel li jkun ser jagħmel il-priedka tal-Milied. Il-Kappillan jibda jħuf flimkien mal-membri tal-Mużew biex jaraw liema tfajjel jista’ jkun l-aktar kapaċi jinseġ it-tfiħir lejn il-Bambin. Tajjeb li wieħed jiftakar kif oriġina dan l-avveniment. Jingħad li l-eqdem priedka li ġiet irreġistrata u li nafu biha hi dik li saret miċ- ċkejken Ġorġ Sapjanu fl-1884 fil-parroċċa ta’ Ħal Luqa. Ftit ftit din id-drawwa, li ntogħġbot ħafna meta saret, bdiet tinfirex ma’ Malta u Għawdwx kollha. Kulħadd beda jorganizza l-priedka tat-tifel għall-quddiesa ta’ nofs il-lejl.

Naturalment hi battikata għal dak li jkun biex jgħallem lit-tifel li jkun ser jirreċita l-priedka. Tant jirrepituha li t-tifel jitgħallimha bl-amment bħal pappagall. In-nies iriduha u jkunu ħerqana jistennew biex jixref fuq l-presbiterju t-tifel ixxurtjat. Il-priedka tal-Milied temozzjona lil bosta persuni u faċilment taralhom iġelben ma’ ħaddejhom xi dmugħ b’riżultat tal-ferħ li jkunu qed iħossu.

Ftit taż-żmien ilu, din il-priedka kienet tiġi reċitata minn fuq il-pulptu bit-tifel fuq kaxxi jew banketta biex ikun jista’ jidher minn isfel bis-suġġeritur ħdejh ma’ l-art biex fejn jeħel it-tifel jerġa’ jlissinlu dik-kelma jew frażi li jkun nesa. Niftakar ta’ tifel li kont li dejjem xtaqt nagħmilha l-priedka tal-Milied imma x-xorti qatt ma daħkitli. Ħasra għax kont indabbar Bambin kbir u sabiħ. Ħasra, imma aħjar hekk milli għar forsi kont naqa’ minn fuq il-pulptu. Kull deni ħudu b’ġid!!

Il-Website tagħna toffri kuntatt
lil kull min jixtieq isir jaf aktar dwar
l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta.
Għaddi l-indirizz lil ħbiebek u qrabatek
speċjalment emigranti.

**www.presepjumalta.org**

# Milied f'għoli ta'432km 'il fuq mid-dinja

**Paul Xuereb**

Nhar il-Milied tas-sena 1973 inkitbet paġna storika fil-qasam tat-titjiriet umani fl-ispazju. Dakinhar żewġ astronawti Amerikani, Gerald P. Carr u William R. Pogue għamlu 'mixja' spazjali ta' seba' sigħat – l-itwal waħda sa dakinhar biex josservaw aħjar il-kometa Kohoutek li kienet madwar 122 miljun kilometru bogħod mid-dinja.

Ħadu wkoll ritratti interessanti tal-kometa fejn osservaw li kellha żewġt idnub, wieħed abjad magħmul minn formazzjoni ta' trab kosmiku u l-ieħor blu li kien gass. Dawn kienu twal 12-il miljun kilometru u dejjem it-tul jiżdied. Il-kometa ssemmiet għall-astronomu Ċekoslovakk Dr. Lubos Kohoutek li kien osservaha għall-ewwel darba nhar is-7 ta' Marzu ta' l-1973 mill-osservatorju ta' Hamburg fejn issa kien stazzjonat. Dakinhar il-kometa kienet riesqa lejn ix-xemx b'veloċita' ta' 225,000 kilometru fis-siegħa.

Nhar il-15 ta' Jannar ta' l-1974 il-kometa resqet f'eqreb distanza lejn id-dinja meta kienet 120 mijun kilometru bogħod, iżda ftit setgħu jarawha biss bl-għajn bla użu ta' xi strument ottiku. Minbarra l-ekwipaġġ Amerikan, fl-istess Milied, kien hemm ukoll żewġ kosmonawti Russi fl-ispazju li ttellgħu biex josservaw kwiekeb f'konstellazzjonijiet differenti u naturalment jieħdu ritratt tal-kometa Kohoutek. It-titjira Russa fejn kellha lil Pyotr Klimuk u Valentin Lebedev, damet biss ġimgħa.

L-ekipaġġ Amerikan, li dam 84 jum fl-ispazju ġewwa l-istazzjon Skylab 1 dam 20 jum josserva bl-aktar dettal il-kometa. Wara li għamlu 1213 dawra mad-dinja rritornaw lura nhar it-8 ta' Frar tal-1974 fuq il-vettura Skylab 4. Skylab 1 ġie sparat fl-ispazju fit-13 ta' Mejju tal-1973 u wara li dar madwar id-dinja għal 34,981 darba tfarrak mal-atmosfera dinjija fil-11 ta' Lulju ta' l-1979.

Soyuz 13, il-vettura li fuqha kien hemm Kilmuk u Lebedev, ittellgħet fit-18 ta' Diċembru ta' 1973 u wara vjaġġ ta 188 siegħa, tniżżlet l-għada tal-Milied fejn ġabu magħhom l-ewwel informazzjoni li ttieħdu mill-ispazju tal-kometa Kohoutek. Żgur li din il-Kometa kienet l-aktar waħda ta' żmienna li kienet studjata u ffotografata daqstant bir-reqqa mill-bniedem li kien f'pożiżżjoni ferm tajba 432 kilometru 'l fuq mid-dinja. F'dan l-għoli, l-atmosfera dinjija li tant tfixkel l-astonomi fir-riċerka spazjali, tkun minima u b'hekk l-asrtonawti jkollhom vantaġġ fuq l-astronomi li huma wkoll għamlu l-istudju tagħhom minn diversi teleskopji mferrxa mad-dinja.

Il-kometa tal-Milied tas-sena 1973 terġa toqrob lejn id-dinja madwar 75,000sena oħra.

# WIRJA FIS-SALA SAN FRANĠISK

## 5 ta' Diċembru – 20 ta' Diċembru, 2015

## Regoli għall-parteċipazzjoni

1. Kull membru tal-Għaqda li jkollu l-miżata tal-2015 imħallsa jista' jieħu sehem fil-Wirja billi jimla l-formola li tinsab f'dan il-fuljett u jibgħatha lis-Segretarju.
2. ***Biex wieħed jesibixxi l-presepju/i tiegħu fil-wirja ikun mitlub jagħmel donazzjoni għal kull presepju. Din id-donazzjoni ssir billi jintbagħtu 8 bolli tas-26 centeżmu mhux użati mal-applikazzjoni***
3. Kull parteċipant jista' jippreżenta sa żewġ presepji; iżda l-Kumitat jista' jirrifjuta xi presepji minħabba nuqqas ta' spazju, livell ta' xogħol baxx jew xi raġuni oħra valida.
4. Presepji li jkunu dehru f'xi wirjiet oħra jistgħu ma jiġux aċċettati għall-Wirja.
5. Il-qisien tal-presepji m'għandhomx jaqbżu il-75cm faċċata u 50cm fond. Presepji li jkunu ikbar, iżda ma jaqbżux il-100cm wisa' u 60cm fond jiġu aċċettati sakemm l-ispazju barra l-vetrini jippermetti.
6. It-tqassim tal-presepji fis-swali tal-wirja jsir mill-Kumitat u ħadd ma jista' jirriserva postijiet.
7. Il-presepji jiġu esibiti għar-riskju tal-propjetarji tagħhom. Għalhekk il-preżenza tal-esibituri waqt il-wirja hija importanti.
8. Presepji li jkollhom dwal ġo fihom, irid ikollhom biċċa 'twin sheeted flex' ta' mhux inqas minn tliet metri kif ukoll 'fused plug 13 amp'. Ħadd ma jkun permess li jikkonnettja l-presepju tiegħu mas-sistema tal-elettriku mingħajr il-permess tal-Kumitat.
9. Il-Kumitat ma jkunx responsabbli għal xi ħsarat li jistgħu isiru lil xi presepji minħabba li l-vultaġġ tal- bozoz, transformers jew muturi ma jkunux jaqblu ma' dak tal-Enemalta - 240Volt. ***Presepji li jkun fihom l-ilma ma jitpoġġewx fil-vetrini.***
10. Il-presepji għandhom jitwasslu mill-propjetarji tagħhom fis-Sala San Franġisk bejn il-**Ħadd 22 ta' Novembru u t-29 ta' Novembru 2015** f'dawn il-ħinijiet: **mit-Tnejn sal Ġimgħa bejn il-5.00 u 7.15p.m. Is-Sibt u Ħadd bejn id-9.00 a.m. u 12.00 (nofsinhar).**
11. Kull membru li japplika biex jesibixxi presepju/i fil-Wirja irid jimpenja ruħu li jattendi fis-sala waqt il-wirja għal ta' l-inqas **tliet** nofs ta' nhari. Kull parteċipant hu mitlub li jimmarka **6 nofs ta' nhari fuq il formola tal-applikazzjoni**. Il-Kumitat **ikun jista' jagħżel tlieta minn dawn skond il-ħtieġa**.
12. Waqt li l-presepji fil-wirja jibqgħu propjeta tal-esibitur; ritratti u/jew videos tal-istess presepji meħuda mill-Kumitat ikunu propjeta esklussiva tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju (Malta) u l-Kumitat ikollu d-dritt mingħajr ebda obbligu li jużahom f'pubblikazzjonijiet, ġurnali, DVD's u websites.
13. Bejgħ jew negozjar ta' bejgħ ta' presepji jew partijiet minnhom ma jkunx permess fis-swali tal-Wirja. Membru li jikser dan ir-regolament jista' jitkeċċa mill-Għaqda.
14. Il-presepji ma jistgħux jittieħdu mis-Sala waqt il-Wirja, iżda jridu jibqgħu esibiti sal-Ħadd 20 ta' Diċembru, 2015.
15. Il-presepji jistgħu jinġabru nhar it-Tnejn 21 ta' Diċembru 2015 bejn it-8.30 a.m. u s-7.00 p.m. Presepji li ma jinġabrux dakinhar jittieħdu biss wara l-1 ta' Jannar, 2016. Min ikun jixtieq jieħu l-presepju tiegħu nhar il-Ħadd 20 ta' Diċembru wara li tagħlaq il-wirja, għandu javża lil xi membru tal-Kumitat qabel din id-data.

## GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU - Malta

# *WIRJA SALA SAN FRANĠISK – 2015*

## Applikazzjoni

Isem u Kunjom: ……………………………………………………………………………

Indirizz: ……………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

Tel No / Mob: ……………………… e-Mail: ……………………………………………

## Dettalji dwar il-Presepju:

Qisien: Faċċata: [ ] ċm Fond: [ ] ċm Għoli: [ ] ċm

Materjal: [ ]

Kategorija: Kbar: [ ] Tfal: [ ]

**Immarka hawn taħt il-ġranet (6) li fihom int tista tattendi fis-Sala San Franġisk waqt il-Wirja 2015. Il-Kunsill jagħżel biss TLIETA minn dawn. Ara Regolament Nru: 11**

| DATA | 9.00am sa 12.30pm | 4.00pm sa 7.00pm | |
|---|---|---|---|
| SIBT 5.12.2015 | | | Is-sehem tiegħek huwa apprezzat! Jekk issib xi diffikulta dwar ġranet jew ħinjiet f'din il-lista tiddejjaqx iċċempel lis-Segretarju għal soluzzjoni! Mob: 9940 6645 **GRAZZI** Tel: 2143 6174 |
| ĦADD 6.12.2015 | | | |
| TNEJN 7.12.2015 | | | |
| TLIETA 8.12.2015 | | | |
| ERBGĦA 9.12.2015 | | | |
| ĦAMIS 10.12.2015 | | | Data |
| ĠIMGĦA 11.12.2015 | | | |
| SIBT 12.12/2015 | | | Firma |
| ĦADD 13.12.2015 | | | |
| TNEJN 14.12.2015 | | | |
| TLIETA 15.12.2015 | | | **Imla din il-formola u ibgħatha lis-Segretarju, GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU – Malta, 56, Amaltea, Triq il-Marġ, Attard ATD2382 sa nhar l-Erbgħa 11 ta' Novembru, 2015.** |
| ERBGĦA 16.12.2015 | | | |
| ĦAMIS 17.12.2015 | | | |
| ĠIMGĦA 18.12.2015 | | | |
| SIBT 19.12.2015 | | | |
| ĦADD 20.12.2015 | | | |

**Il-Wirja ta' Presepji imtella' mill-GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU – Malta tifforma parti integrali mill-Milied Malti.**

**Kun parti minn din il-WIRJA biex il-pubbliku japprezza dak li INT qed toffri biex tkabbar it-tradizzjoni tal-MILIED MADWAR IL-PRESEPJU**

# ID-DJARJU TAL-MILIED 2015

| | |
|---|---|
| **7 ta' Ottubru, 2015** | TABLE SHOW b'wirjiet ta' xogħol fuq elettriku, forom għal-pasturi, pasturi tat-tafal u aċċessorji oħra. Ikun hemm ukoll bejgħ ta' aċċessorji għall-presepju.<br>Dan kollu fis-Sala San Franġisk mill-5.30 p.m. il-quddiem. |
| **13 ta' Ottubru, 2015** | Jibda l-armar tas-Sala San Franġisk għal Wirja Annwali.<br>Il-membri tal-Għaqda mħeġġa jagħtu sehemhom fix-xogħol meħtieġ.<br>Niltaqgħu kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Erbgħa mill-5.30 p.m. |
| **22 ta' Novembru, 2015** | Jibdew jintlaqgħu l-presepji għal Wirja Annwali fis-Sala San Franġisk.<br>L-aħħar ġurnata għal dan tkun il-Ħadd 29 ta' Novembru. |
| **4 ta' Diċembru, 2015** | INAWGURAZZJONI TAL-WIRJA ANNWALI<br>Din l-attivita tibda fis-6.30p.m. |
| **20 ta' Diċembru, 2015** | L-Aħħar jum tal-Wirja Annwali.<br>Ikunu jistgħu jinġabru l-presepji wara l-Egħluq. |
| **26 ta' Diċembru, 2015** | Inżuru presepji f'Għawdex<br>Attivita ta' ġurnata għal familja kollha.<br>Dettalji u bookings waqt il-Wirja |
| **29 ta' Diċembru, 2015** | Dawra ma' PRESEPJI KBAR f'MALTA.<br>Ħarġa ta' 4 siegħat bil-coach.<br>Dettalji u bookings waqt il-Wirja. |
| **2 ta' Jannar, 2016** | Serata ta' Egħluq is-Sena fis-Sala San Franġisk<br>Wara quddiesa ta' Radd il-Ħajr isir riċeviment u jitqassmu tokens u ċertifikati.<br>Bookings u biljetti mill-Wirja |

Għall-GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU - Malta, żmien il-Milied huwa ż-żmien li jiġbor ix-xogħol kollu li jkun sar matul is-sena mill-membri tal-Għaqda flimkien mal-Kunsill Amministrattiv biex il-presepju jibqa dejjem fiċ-ċentru tal-Milied Malti.

L-Għaqda tagħna tieħu kull okkażjoni valida biex twettaq l-għanijiet tagħha u xxerred dejjem aktar l-imħabba lejn il-grotta ta' Betlem. Dan għaliex verament nemmnu li mingħajr il-presepju, il-Milied jibqa' biss festa kummerċjali li tiġi u tmur qisha qatt ma kienet.

Għalhekk , biex kulħadd ikun infurmat u allura jkun jista jieħu sehem, qed nippubblikaw id-dati tal-attivitajiet li ser iwassluna sa l-aħħar tas-sena meta flimkien niltaqgħu u nirringrazzjaw lill-Bambin Gesu ta' dak kollu li jkun għamel magħna fl-2015.

# Mill-Memorji Ta' Tfuliti

**Lydia Valletta**

Kont għadni tifla zgħira, forsi kelli dawk it-tlett snin , missieri iddeċieda li jibni presepju. Ma niftakarx liema żmien tas-sena kien meta beda jaħdmu, imma niftakar żgur li għalija dam ħafna jaħdem biex lesta dan il-presepju.

Miegħu kien ikun hemm student tal-klassi tiegħu biex jgħinu, għax missieri kien għalliem. Kull nhar ta' Sibt kienu jiltaqgħu u jqattgħu ħin twil ifasslu u jaħdmu flimkien. L-istudent kien joqgħod ukoll bħala mudell biex missieri jifforma xi pastur kif xtaq hu. Jien u ħija, li hu sena iżgħar minni konna nieħdu gost deħlin u ħerġin mill-garaxx fejn kienu jkunu qed jaħdmu. Niftakar l-art tal-garaxx kienet tkun mimlija biċċiet tal-injam, karti tal-ixkejjer u r-riħa tal-kolla li missieri kien issajjar u jżomm sħuna fuq spiritiera.

Ta' tfal li konna l-kurżita kienet iġġegħlna nagħmlu ħafna mistoqsijiet..."dik x'inhi?" jew "dak għal xiex?" Naħseb li konna infixkluhom xi ftit, imma missieri, bil-paċenzja kollha kien joqgħod jispjegalna kollox.

Kif għidt diġa, konna għadna żgħar u wiċċna bil-kemm kien ilaħħaq mal-mejda. L-iktar ħaġa li stajna naraw kien l-għar. Konna niċċassaw inħarsu lejn dik il-grotta li għalina kienet tidher fonda ħafna. Missieri kien jgħidilna li dak l-għar kien speċjali u kien fin-nofs biex kulħadd ikun jista' jara x'kien qed jiġri ġo fih. Kien jgħidilna kif f'dan l-għar ser ikun hemm Ġesù Bambin fil-maxtura, l-Madonna kollha ħlewwa tieħu ħsiebu, u San Ġużepp. Fuq ġewwa nett tal-għar kien hemm speċi ta' maqjel fejn il-baqra u l-ħmara kienu mixħuta jistrieħu fuq it-tiben. F'rokna oħra kien hemm nar li San Ġużepp kien kebbes biex fuqu jħejji xi ikel. Fid-daħla tal-għar tpoġġew żewġ rgħajja jaduraw lil Ġesù tarbija, magħhom għandhom xi ngħaġ. Din ix-xena kienet kebbset ġewwa qalbi sensazzjoni ta' ferħ li ta' tifla żgħira li kont ma kontx naf nispjegaha. Imma llum nifhem li dik ix-xena riedet twassal messaġġ lilna l-bnedmin. Il-grotta ta' Betlem tgħallimna li l-Iben t'Alla, li huwa wkoll ir-Re tar-Rejiet, ma marx jitwieled f'palazz, imma għażel għar tal-bhejjem u dan biex lilna jurina li m'għandniex nitkabbru, imma nkunu lesti li numiljaw ruħna.

'Il fuq mill-għar konna naraw il-kumplament tal-presepju, għalina kbir ħafna bi triq għolja li ma tispiċċa qatt. F'roqgħa fuq il-lemin kien hemm ir-rgħajja mdawrin ma' ħuġġieġa nar bin-ngħaġ mxerdin mal-għolja. Ir-rgħajja kienu jħarsu mistagħġba lejn Anġlu li kien hemm fuq sħaba fil-viċin. Għal mistoqsija tiegħi "Dak x'inhu?", missieri kien spjegalna li r-rgħajja kienu speċjali għal Ġesù u għalhekk wera lilu nnifsu lilhom l-ewwel. Kien jgħidilna li r-rgħajja jirrappreżentaw lin-nies umli tad-dinja kollha. Dak il-ħin, f'moħħi ħassejt li kull bniedem komuni kien speċjali għal Ġesù.

Fuq ix-xellug tal-għar kien hemm triq li tieħu għal lukanda. Matul din it-triq kien hemm żewġ daqqaqa Maltin – wieħed biż-żaqq u l-ieħor biċ-ċimbali. Stħajjiltni qed nisma' d-daqq ferrieħi tagħhom. Kien hemm tnejn oħra mgħannqin flimkien u b'idejhom ma widinthom. Dawn kienu l-għannejja, li skond missieri kienu jgħidulhom 'xriek'. Iktar 'il fuq f'din it-triq kien hemm bidwija tagħżaq f'għalqa. F'rokna oħra kien hemm forn tal-ħatab. Il-furnar kien bil-pala f'idu lest biex idaħħal il-ħobż għas-sħana tan-nar. Ħdejn daqsxejn ta' razzett kien hemm

mara oħra li kienet qed titma lit-tiġieġ, fniek u xi ħamiem.

Issa bdejna t-telgħa sewwa u diġa qed naraw karattri differenti, kulħadd għal triqtu. Hemm mara b'sorra ħwejjeġ fuq rasha u raġel bit-tilar tal–ħobż – naħseb li ġej mill-forn! Raġel ieħor għandu fanal f'idu, forsi biex jara sewwa it-triq tiegħu. Għalkemm għadu żgħir jidher ftit għajjien, għax qed iserraħ fuq bastun. Kważi wasalna l-lukanda! Induru ma' roqgħa siġar u nkunu hemm. Ara... hemm kaċċatur ħiereġ mill-masġar, ser jispara fuq tajra li qed tistrieħ fuq siġra. Ftit il-bogħod mill-masġar hemm wied u fuqu pont tal-injam li jwassal sa' ħdejn mitħna. Fil-bieb ta' din il-mitħna niltaqghu ma' mara ħierġa bid-dqiq tagħha mgeżwer sewwa f'sorra.

Kważi għajjejna nħarsu l-fuq imma issa wasalna l-lukanda. Is-sid qiegħed fil-bieb; jidher kuntent għax il-lukanda mimlija daqs bajda. Anke fil-bitħa qabel tidħol, hemm ħafna nies u ġmula. Fin-nofs tal-bitħa hemm ħuġġieġa taqbad. Skond missieri din qiegħda hemm biex min ma sabx kamra fejn jistkenn ikun jista' jisħon xi ftit. Dakinhar li twieled il-Bambin, skond missieri, kien il-maltemp u l-bard ukoll. Fil-għoli 'l fuq hemm kewkba kbira tiddi. Din tfisser li waslu l-Magi li kienu qed ifittxu r-Re li twieled f'Betlem. Kienet din il-kewba li wriethom it-triq.

Tistgħu taħsbu kif konna nħossuna jien u ħija quddiem dan il-presepju. Kull sena missieri kien jistieden lil sħabu l-għalliema biex iġibu lit-tfal tal-klassi tagħhom ħa jaraw il-presepju tagħna. Kienu jiġu, u billi kienu akbar minna, ħafna drabi, lili u l-ħija kienu jgħattuna. Tgħidx kemm konna nirrabjaw... hekk sew, il-presepju tagħna u ma nistgħux narawħ! Missieri bil-kalma kollha kienu jgħidilna li dawk in-nies stedinhom hu u għalhekk irridu ntuhom ċans jaraw il-presepju sew; għax dawk mhux bħalna li stajna mmorru narawh x'ħin u kemm irridu. Imma dak il-presepju kien tagħna u xorta konna niddefsu biex narawh.

Tgħidx kemm kont nixxabbat biex nara x'hemm fil-lukanda jew 'il ġewwa min dak il-pont. Kemm xtaqt nara sew x'kien hemm fil-fond tal-wied fejn kien jikber ħafna qasab. Qatt ma rnexxieli!

Wara t-Tre Re, l-presepju kien jiżżarma u jintrefa fuq raff sa ma jasal Milied ieħor. Minn ġimgħat qabel dan kien isib postu taħt it-taraġ, fuq senduq antik. Konna nistennewhom bil-ħerqa dawk il-ġranet biex nerġgħu inġeddu l-memorji tas-sena ta' qabel!

Minn dak iż-żmien għaddew ħamsin sena; missieri m'għadux magħna, imma l-presepju li kien għamel għadu sħiħ u qiegħed għandi. Kull sena meta joqrob il-Milied, jerġa' jsib postu fuq l-istess senduq biex flimkien ifakkruni f'dawk is-snin ta' tfuliti meta bla ma kont naf kont qiegħda nibni ħajti madwar dik id-daqsxejn ta' grotta fejn twieled Ġesù Bambin indukrat minn ommu Marija u missieru Gużeppi u msaħħan min-nifsijiet ta' baqra u ħmara.

Kos...kemm memorji, kemm ferħ, kemm emozjonijiet! Imma fuq kollox dan il-presepju fih innifsu hu katekeżi sħiħa ta' dak li Ġesù jridna nifhmu... li HU jħobbna lkoll u bla distinzjoni. Sew jekk fqir jew sinjur, minn ġens jew minn ieħor, mill-liema tribu int jew ġej minn triq differenti tal-ħajja, int holqien tal-istess Alla. Għalhekk waqt li nammiraw is-sbuħija tal-presepju ejja ndawru ħarsitna lejn dak il-Bambin ċkejken u fil-kwiet ta' qalbna ngħidulu: Ġesù IKOLLOK ĦNIENA MINNA U IDĦOL GĦALINA; KUN MAGĦNA F'KULL MA NAGĦMLU U TINA L-QAWWA NĦOBBU KIF TĦOBBNA INT. GRAZZI Ġesù BAMBIN.

# TABLE SHOW U MERCATINO

Wara li lestejna l-kors dwar il-bini tal-presepju, ser norganizzaw serata li fiha tingħata informazzjoni dwar l-elettriku fil-presepju, pasturi bil-forom, idejat għal tiżjin fil-presepju, eċċ. Ikun hemm ukoll diversi aċċessorji għal bejgħ bi prezzijiet baxxi.

DIN IS-SERATA SER TKUN ESKLUSSIVAMENT GĦAL MEMBRI TAL-GĦAQDA.

***Nistennewkom nhar l-Erbgħa 7 ta' Ottubru, 2014 fis-6.00 p.m. Fis-Sala San Franġisk, Triq Melita, Valletta.***

# ĠURNATA GĦAWDEX

**Is-SIBT 26 ta' Diċembru, 2015**

***Inżuru għadd ta' presepji maħduma minn dilettanti Għawdxin***

**Nitilqu minn ħdejn l-istatwa ta' KRISTU RE fil-Furjana fis-7.15 a.m. u niġu lura mal-Vapur tal-5.15 p.m.**

**Aktar informazzjoni u Booking waqt il-wirja…**
**In-numru jkun limitat… għalhekk aħseb kmieni!**

# DAWRA MAL-PRESEPJI F'MALTA

Din is-sena ser norganizzaw ħarġa li matulha nżuru xi presepju kbar f'Malta.

Ser tkun ħarġa ta' madwar 4 siegħat bil-coach.

Nitilqu mill-Furjana – ħdejn Kristu Re u nerġgħu lura fl-istess post.

**Aktar informazzjoni u Booking waqt il-wirja…**
**In-numru jkun limitat… għalhekk aħseb kmieni!**







